**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Nru. : 34/97

George Falzon

vs

Brigadier Kmandant A.F.M.

13 ta' Ottubru, 1997.

It-Tribunal,

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta` Mejju, 1987, u l-15 ta` Mejju, 1995, u b`mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta` l-1989, huwa sofra ingustizzja f`li ma nghatajtx promozzjonijiet ingustament.

Illi l-fatti tal-kaz huma fil-qosor kif gej.  Fis-sena 1989, meta kien Lance Bombardier kienu hargu promozzjonijiet ghall-bombardier u minkejja li kien l-ewwel wiehed fil-lista tal-kwalifikazzjon ghal din il-promozzjoni ma hadiex.  Hu kien gie maqbuz min-nies ta` inqas Seniority u kwalifiki minnu.

Hu  temm 37 sena servizz fl-eta ta` 56 sena f`1992 bir-rank ta` Lance Bombardier.  Li kieku ma giex imcahhad din il-promozzjoni kien jibqa’ fis-servizz sa l-eta` ta` 61 sena. Ghaldaqstant kien jispicca b`penzjoni ahjar.

Hu hass li gie imcahhad din il-promozzjoni minhabba it-twemmin politiku tieghu.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku anness mar-rikors li jindika ghar-rigward ta` kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma` u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta` l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta` Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi l-penzjoni tieghu tigi riveduta ghal dik ta Bombardier, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas kumpens f`ammont ta` .

Ra l-lista tax-xhieda esebiti mir-rikorrent.

Ra r-risposta tal-Kap Kmandant tal-Forzi Armati ta` Malta li biha eccepixxa illi dwar il-fatti allegati fir-rikors huwa kellu xi jghid is-segwenti :

Illi r-rikors, fl-istat li gie notifikat lill-esponent huwa inammissibbli peress li m`huwiex akkumpanjat minn lista` ta` xhieda fit-termini ta` l-Artikolu 7 (2) (a) ta` l-Att VIII ta` l-1997.

Illi r-rikors promotur huwa inammissibbli fit-termini ta` l-Artikolu 5 (3) (b) ta` l-Att VIII ta` l-1997 peress illi r-rikorrent naqas li jipprevalixxi ruhu mill-mezz ta` rimedju provdut fl-Artikolu 161 ta` l-Att dwar il-Forzi Armati.

Illi bla pregudizzju ghal dak li huwa espost fuq, ir-rikorrent kien qed ibaghti minn kundizzjoni tal-qalb fi zmien li kienu ser isiru l-promozzjonijiet. Tant hu hekk li hu kien *sick at home* minhabba *post coronary operation,* f`dan l-istess zmien u ghaldaqstant ma setax jigi kkunsidrat ghal promozzjoni. Fil-fatt, ir-rikorrent kien sussegwentement talab hu stess biex jispicca mis-Servizz meta ghalaq il-56 sena.

Illi t-talba biex jispicca mis-Servizz ma kinetx kif qed isostni ir-rikorrent, cioe` minhabba li ma inghatax il-promozzjoni, imma ghax hekk ried hu minn jeddu.

Illi ma kien hemm l-ebda diskriminazzjoni politika fil-konfront tieghu. Huwa kkunsidrat li suldat li lahaq l-eta` ta` hamsa u hamsin sena u li qieghed ibati minn mard tal-qalb li b`rizultat ikun frekwentament indispost biex jattendi x-xoghol, ma tistax tikkunsidrah biex javvanza f`rank ghola.

Ra il-verbal tal-25 ta' Lulju, 1997 illi b'referenza ghall-ewwel eccezzjoni dwar il-lista tx-xhida Dr Sammut ghar-rikorrent iddikjara li hu bi hsiebu jixhed hu biss u m'ghandux xhieda ohra x'jipproduci u ghalhekk Dr Grech ghall-intimat ma insistix aktar dwar l-ewwel eccezzjoni.

Ikkunsidra illi l-intimat wara eccepixxa li r-rikors promotur huwa inammissibbli fit-termini ta` l-Artikolu 5 (3) (b) ta` l-Att VIII ta` l-1997 peress illi r-rikorrent naqas li jipprevalixxi ruhu mill-mezz ta` rimedju provdut fl-Artikolu 161 ta` l-Att dwar il-Forzi Armati.

Issa l-artikolu 5 (3) (b) jghid:
"Dan l-Att ma japplikax ghall-korpi elenkati fit-Taqsima B fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan l-Att, kemm il-darba ma tingiebx prova b'sodisfazzjon tat-Tribunal li tkun turi li kull mezz possibli ghall-ksib ta' rimedju jkun gie ezawrit."
Fit-Taqsima B fl-Ewwel Skeda hemm imnizzel:
"Il-Forzi Armati ta' Malta ghar-rigward biss ta' hatriet, promozzjonijiet, trasferimenti, salarji u drittijiet ta' pensjoni ta' l-ufficjali u suldati f'dik il-Forza Armata."

Dan jaghmilha cara li fil-kaz tar-rikorrent li l-Att ma japplikax ghalih jekk ma jgibx prova li kull mezz possibli ghall-ksib ta' rimedju jkun gie ezawrit. L-intimat isostni li r-rikorrent ma ghamilx dan minhabba li ma ipprevalixxix ruhu mill-mezz ta' rimedju provdut fl-artikolu 161 ta' l-Att dwar il-Forzi Armati.

Il-Kapitolu 220 tal-Ligijiet ta' Malta - l-Att dwar il-Forzi Armati fit-Taqsima VII jistabilixxi r-regoli ghad-Disposizzjonijiet Generali u b'mod partikolari dwar "Rimedju ghal Ilmenti". L-artikolu 161 jghid:

" (1) Jekk ragel tal-forza jahseb li saret xi haga hazina dwaru min xi ufficjal li ma jkunx l-ufficjal kmandant tieghu jew ragel tal-forza, hu jista' jaghmel ilment dwar dik il-haga lill-ufficjal kmandant tieghu.

(2) Jekk ragel tal-forza jahseb li saret xi haga hazina dwaru mill-ufficjal kmandant tieghu, jew minhabba li ma jinghatax rimedju ghas-sodisfazzjon tieghu ghal ilment skond l-ahhar sub-artikolu qabel dan jew ghal xi raguni ohra, hu jista' jaghmel ilment dwar dan lill-Kmandant.

(3) Ikun id-dmir tal-Kmandant jew tal-ufficjal kmandant li meta jircievi xi ilment skond dan l-artikolu jinvestigah u jiehu dawk dawk il-passi ghar-rimedju ta' dak li dwaru sar l-ilment li jidhirlu li jkunu mehtiega."

Hawnhekk it-Tribunal sejjer jikkwota minn dak li xehed l-istess rikorrent:

"Mistoqsi jekk fil-fatt jiena kontx kellimt lil xi hadd dwar il-bicca xoghol tal-promotions nirrispondi li jiena kif jidher mid-dokument "XA" datat April, 1981, jiena kont tkellimt. In segwitu huwa veru li jiena hadt il-promozzjoni pero` mistoqsi mit-Tribunal jekkwara l-1986 ergajtx kellimtx li xi hadd nirrispondi li mela dan trid toqghod titkellem kull darba dwar il-promozzjoni.

KONTRO EZAMI:

Jiena qed nilmenta minn promozzjonijiet li nghataw wara l-1986."

Min dan johrog car li r-rikorrent ma ilmentax kif kellu jaghmel dwar il-promozzjonijiet imsemmija fir-rikors. Dan hu konfermat mix-xhida tal-Brigadier Rupert Montanaro li xehed li:

"B` riferenza ghall-kaz ta` George Falzon ghandi nhid illiwaqt li jirrizulta li fil-fatt kien ghamel talba biex jidher quddiem l-ufficjal kmandant tieghu dwar xi ilment li kellu f` April tal-1981, u fil-fatt hu kien gie promoss fl-1986, sussegwentement ghall-1986 ma jirrizulta mkien li kien hemm talba taht is-Section 161 ta' l-Armed Forces Act dwar l-ilment, jew ilmenti dwar promotion."

Ghalhekk fil-kaz tar-rikorrent dan ma gabx il-prova li turi li gie ezawrit kull mezz possibli ghall-ksib ta’ rimedju. Tilqa’ l-eccezzjoni ta’ l-intimat u ghalhekk tichad ir-rikors. Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.